MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**DOREEN CLARKE**

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2005

Talba Numru. 1662/2005

**Middlesea Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet ta'l-assigurat taghha Gabriella Aquilina u l-istess Gabriella Aquilina**

**vs**

**Karmenu Azzopardi u Montalto Insurance Agency Limited**

It-Tribunal

Ra l-Avviz f'l-ismijiet premessi, prezentat fil-11 ta' Awissu 2005, li permezz tieghu l-atturi, wara li ppremettew li l-konvenut huwa unikament responsabbli ghal incident awtomobilistiku li sehh gewwa Zejtun nhar is-16 ta' Ottubru 2002 meta sehhet kollizzjoni bejn il-vettura targata APR015 misjuqa mill-konvenut u assigurata mis-socjeta konvenuta Montalto Insurance Agency Limited u l-vettura AAE245 propjeta ta'l-assigurata tas-socjeta attrici

Gabriella Aquilina, talbet li l-konvenuti jew min minnhom, jigu kkundannati jhallsu s-somma ta’ tlett mija tnejn u tletin lira Maltija u disghin centezmu (Lm332.90) rapprezentanti danni sofferti mill-assigurata u li ghalihom taghmel fronti s-socjeta attrici taht polza ta’ assigurazzjoni comprehensive u nkluz excess ta’ hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm25) imhallsa mill-attrici, b’l-imghaxx u b’l-ispejjez inkluz dawk ta’ l-ittra ufficjali ta’ April 2005.

Ra n-nota prezentata mill-atturi waqt is-seduta ta’l-10 ta’ Ottubru 2005, li biha cedew l-atti fil-konfront biss tal-konvenut Karmenu Azzopardi.

Ra n-nota ta’ Mistoqsijiet tas-socjeta attrici sabiex is-socjeta konvenuta Montalto Insurance Agency twiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigu pruvat ai termini ta’ l-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-Artikolu 13 (b) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ra li ghalkemm is-socjeta konvenuta giet notifikata b’l-avviz fis-26 ta’ Awissu 2005, naqset li tidher meta gew prezentati l-Kapitoli u anke llum, u ghalhekk in-Nota ta’ Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi, fil-waqt li jillibera il-konvenut Karmenu Azzopardi mill-osservanza tal-gudizzju stante rinunzja ta’l-atti mis-socjeta attrici fil-konfront tieghu, jilqa t-talbiet attrici u jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas is-somma ta’ tlett mija tnejn u tletin lira Maltija u disghin centezmu (Lm332.90) b’l-imghaxx u l-ispejjez kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------